# L-ISTORJA TAL-KAPPILLANI TAL-PARROĊĊA TAGĦNA

Kitba ta' David Grech

## L-Ewwel Kappillan - Dun Ġużepp Xerri D.D. (1891–1897)

Dun Ġużepp Xerri twieled f'Birkirkara fil-11 ta' Ottubru, 1823. Studja fl-Università tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta fejn speċjalizza fit-Taljan u ngħata wkoll il-lawrja tad-dottorat fit-Teoloġija. Dun Ġużepp ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Malta Mons. Publiju Sant fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann nhar it-18 ta' Marzu, 1848. Serva għal ftit aktar minn sena fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara u wara l-Arċisqof bagħtu f'San Ġiljan fejn beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-5 ta' Awwissu, 1849 bħala viċi-parroku.



Meta San Ġiljan sar parroċċa fl-1891, Dun Ġużepp Xerri kien il-persuna l-aktar adattata biex isir l-ewwel kappillan. Ir-raġuni prinċipali kienet li hu kien ilu 42 sena jservi bħala l-ewwel u l-uniku viċi-parroku u bla dubju ħadd ma kellu esperjenza aktar minnu. Kellu 68 sena meta laħaq kappillan.

Dak iż-żmien l-għażla tal-kappillani kienet issir permezz ta' konkors li fih l-eżaminaturi kienu jagħżlu dak li l-aktar għandu merti biex imexxi. L-Arċisqof ta' dak iż-żmien Pietru Pace kiteb supplika lill-Papa Ljun XIII u fiha talab biex Xerri jiġi eżentat milli jidħol għall-konkors u jiġi maħtur bħala l-ewwel kappillan. Din is-supplika kienet tgħid hekk: "L-Ekonomu tal-lum (Dun Ġużepp Xerri) ilu sa minn ħafna snin jamministra din il-knisja li saret parroċċa. Lilu stħaqqlu t-tifħir ta' dawn li llum huma fit-territorju tal-parroċċa. Huma kienu sodisfatti bil-ħidma tiegħu. Għalhekk, qed nagħmel din is-supplika biex inkun nista' nagħtih f'idejh il-parroċċa, billi neżentah milli jidħol għall-konkors."

Din is-supplika ġiet mgħoddija lill-Kongregazzjoni tal-Konċilju u fis-26 ta' Settembru, 1891 dawn aċċettaw it-talba u taw is-setgħa lill-Arċisqof Pace biex jaħtar lil Xerri bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa. Xerri aċċetta din in-nomina u fit-18 ta' Ottubru ngħata l-pussess mill-Vigarju Ġenerali Mons. Ġużepp Mercieca.

Il-parrokat ta' Xerri ma kienx twil, iżda kien ta' importanza kbira. Fi żmienu nħadmet l-istatwa artistika ta' San Ġiljan. Ix-xogħol ingħata f' idejn l-istatwarju Karlu Darmanin u l-kuntratt biex tinħadem din l-istatwa sar fid-19 ta' Ottubru, 1892. L-istatwa ġiet tiswa £26 u din tħallset mill-benefattur Salvatore Mattei. Dan kien jgħix il-Belt Valletta u kellu dar tal-villeġġjatura f'San Ġiljan. L-istatwa tlestiet u twasslet fil-knisja fit-13 ta' Awwissu, 1893.

Matul iż-żmien li serva bħala kappillan hu kabbar il-knisja parrokkjali ta' Lapsi billi żied żewġ artali laterali oħra mat-tnejn li kien hemm qabel. L-artali huma ddedikati lit-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema, San Ġużepp, Madonna tar-Rużarju u Sant'Anna. Fid-9 ta' Lulju, 1895 waqqaf il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament sabiex ħafna rġiel jersqu iżjed lejn il-knisja u fl-istess ħin iże-

jnu wkoll bil-preżenza tagħhom il-purċissjonijiet tal-parroċċa.

Dun Ġużepp kien predikatur tajjeb u pprietka f'diversi knejjes fl-ibliet u fl-irħula. Gazzetta lokali f'Ġunju tal-1897, iddeskriviet lill-Kappillan Xerri bħala bniedem li kien dejjem jistudja u jfittex li jgħallem il-fidili tiegħu. Riżultat ta' dan l-impenn kienu l-prietki li kien jagħmel b'entużjażmu fil-Ħdud lin-nies ta' San Ġiljan, u l-paniġierki li minn żmien għal żmien kien jagħmel fil-knisja ta' San Ġiljan u fil-knejjes tal-Belt.

Dun Ġużepp Xerri miet fid-9 ta' Ġunju tal-1897 fl-għomor ta' 73 sena u jinsab midfun taħt il-presbiterju tal-istess knisja ta' Lapsi li fiha ħadem għal tant snin. Fit-testment tiegħu ħalla £25 biex jinxtara ostensorju tal-fidda għar-relikwi ta' San Ġiljan. Ħalla wkoll żewġ relikwarji oħra indurati u erba' kwadri taż-żejt li juru l-Profeta Isaija, San Pietru, San Franġisk u erba' dutturi tal-Knisja. Ħalla wkoll kwadru li juri xbieha tiegħu nnifsu. Illum dawn il-kwadri jinsabu fis-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi.

Fit-30 ta' Ottubru, 1997, l-iskola Primarja ngħatat l-isem ta' Dun Ġużepp Xerri biex jibqa' jitfakkar l-ewwel ragħaj spiritwali tal-parroċċa tagħna.



## It-Tieni Kappillan - Dun Ġiljan Zammit (1897–1904)

Dun Ġiljan twieled f'San Ġiljan fit-22 ta' Jannar, 1870 u ġie mgħammed fil-knisja viċi-parrokkjali ta' San Ġiljan minn Dun Ġużepp Xerri stess. Hu studja fl-Università ta' Malta fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija.

Hu beda jservi bħala kjeriku f'San Ġiljan mis-17 ta' Marzu, 1886, ferm qabel din saret parroċċa. Fit-23 ta' Diċembru, 1893 ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Pietru Pace fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Mal-ħatra tiegħu huwa sar l-ewwel qassis minn San Ġiljan.

Dun Ġiljan Zammit beda jieħu f'idejh il-parroċċa ta' San Ġiljan minn żmien qabel ma miet Dun Ġużepp Xerri. Infatti, iċċelebra l-ewwel sagrament tal-magħmudija fil-15 ta' Awwissu, 1895. Mal-mewt ta' Xerri hu nħatar Vigarju Kurat sakemm jintgħażel kappillan ġdid. Dun Ġiljan applika għall-konkors biex isir kappillan u konsegwentament l-Arċisqof Pace għażlu bħala l-kappillan il-ġdid. Fis-27 ta' Novembru, 1897 ħa l-pussess bħala t-tieni kappillan ta' San Ġiljan.

Fi żmien il-parrokat tiegħu, il-Kappillan Zammit ħaseb biex jiġbor fondi biex bihom jagħmel xogħol ta' manutenzjoni tal-knisja parrokkjali. Fis-sena 1900 rajna wkoll lill-Patrijiet Karmelitani tal-Balluta jagħmlu tibdil fil-knisja tal-Karmnu billi tkabbret u sar tibdil tas-saqaf u l-faċċata. Fl-1903,is-sorijiet tas-Sacred Heart fetħu l-ewwel dar tagħhom f'San Ġiljan u aktar tard, fl-1917 fetħu żewġ skejjel.

Sfortunatament, Dun Ġiljan marad ta' età żgħira bit-tuberkolożi. Barra minn hekk, hu kien dijabetiku u ma baqax jiflaħ għall-piż li ġġib magħha l-kariga ta' kappillan. B'hekk kellu kontra qalbu jirreżenja meta kellu biss 34 sena. L-aħħar darba li amministra s-sagrament taż-żwieġ kien

fis-16 ta' Jannar, 1904. Hu qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu bħala Vigarju-Kurat fil-parroċċa ta' Sant' Elena f'Birkirkara sakemm miet fit-23 ta' Awwissu, 1909. Kellu biss 39 sena u ġie midfun fil-kripta ta' taħt il-knisja tad-Duluri fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

## It-Tielet Kappillan - Dun Karm Bugelli (1904–1907)

Dun Karm Bugelli twieled f'Bormla nhar l-20 ta' Lulju tal-1866 u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru,1889 fl-età ta' 23 sena. Studja s-Seminarju tal-Imdina u mill-ewwel beda l-ħidma saċerdotali fost it-tfal, il-morda u l-foqra li kien hemm f'Bormla. Fl-1894, Dun Karm sar kappillan tal-Imqabba u fl-4 ta' Diċembru, 1895 sar Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla.

L-Arċisqof Pace għażlu biex isir il-kappillan il-ġdid ta' San Ġiljan u ħa l-pusses tiegħu fis-17 ta' Frar, 1904. Mal-ħatra tiegħu bħala kappillan kellu jirrinunzja t-titlu ta' Kanonku. Il-parrokat tiegħu ma kienx twil. Infatti wara tliet snin u nofs irrinunzja li jkompli jmexxi bħala kappillan tal-parroċċa. L-aħħar kitba tiegħu bħala kappillan kienet fis-27 ta' Ottubru, 1907. Malli



l-Kappillan Buġelli rrininunzja għall-parrokat, il-Viċi-Kappillan Dun Gustu Camilleri ġie maħtur Vigarju Kurat sakemm jinħatar il-kappillan ġdid. Dan serva b'dan it-titlu bejn it-8 ta' Novembru, 1907 u s-16 ta' Frar, 1908.

Wara dan kollu, Dun Karm għamel missjoni ta' sentejn fil-gżira ta' Korfù fost l-emigranti Maltin li kienu jgħixu hemm. Hemmhekk bena skola, knisja u dar tas-Sorijiet Franġiskani li għadha teżisti sal-lum. Meta ġie lura minn Korfù kellu 47 sena. Huwa laħaq l-ewwel kappillan ta' Birżebbuġa fil-21 ta' Settembru, 1913.

L-isem ta' Dun Karm Bugelli ma jibqax imsemmi biss fl-istorja tal-parroċċa ta' San Giljan, imma wkoll fl-istorja ta' pajjiżna minħabba li kien bniedem politiku. Dan kien żmien meta ħafna saċerdoti kienu joħorġu għall-politika. Dun Karm ikkontesta l-elezzjoni tal-1921 mal-partit Unione Politica Maltese (UPM) tal-Monsinjur Panzavecchia u ġie elett. Ftit snin wara ħareġ mal-Partit Laburista fejn ġie elett fl-elezzjoni tal-1924. Wara ħafna nkwiet, kellu jitlaq il-Partit Laburista u fl-elezzjoni tal-1927 huwa kkontesta ma' partit ieħor. Madankollu, din id-darba ma ġiex elett u b'hekk intemmet il-ħajja politika tiegħu.

Hu għadda l-aħħar snin ta' ħajtu f'Bormla f' ħidma pastorali. Sfortunatament, inħakem mill-marda tal-kanċer u miet nhar it-22 ta' Mejju, 1936 fl-età ta' 69 sena. Huwa jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'Raħal Ġdid.

## Ir-Raba' Kapillan - Dun Amabile Bonanno (1908–1942)

Dun Amabile Bonanno twieled f'Ħaż-Żebbuġ fit-22 ta' Diċembru, 1874 u ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Awwissu, 1900 mill-Isqof Pietru Pace fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

L-Arċisqof Pace ħareġ digriet li bih innomina lil Dun Amabile Bonanno biex iservi bħala r-raba' kappillan ta' San Ġiljan u ħa l-pusses fis-26 ta' Marzu, 1908. Kien parrokat twil li dam 34 sena u hu l-itwal fl-istorja tal-parroċċa.

Iż-żmien li serva fih il-kappillan Bonanno ma kienx wieħed faċli. Fl-eqqel tal-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) kien żmien ta' tbatija u għaks għall-poplu Malti. Dak iż-żmien il-kappillani kienu ġew inkarigati mill-gvern biex iqassmu d-dqiq lin-nies tal-parroċċa. F'dik il-ħabta, San Ġiljan kien ferm akbar milli nafuh illum u



kien jinkludi postijiet bħas-Swieqi, il-Mensija u partijiet minn Tas-Sliema u l-Gżira.

Il-Kappillan Bonanno kellu għal qalbu t-tfal u t-tagħlim Nisrani. Fil-fatt, fl-1916, fi żmien il-parrokat tiegħu, infetħu żewġt idjar għat-tagħlim tad-duttrina għat-tfal subien, magħrufa bħala 'Museum'. Dawn kienu fi Triq Lapsi u fit-Telgħa ta' Birkirkara. Iffurmaw ukoll diversi għaqdiet oħra fosthom il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-Għaqda tal-Appostolat tat-Talb.

Fl-1921, il-Kappillan Bonnano ħa inizjattiva biex isir pedestall ġdid għall-istatwa ta' San Ġiljan kif ukoll ħaseb għall-induratura tagħha.

Fl-1919, waslu wkoll is-sorijiet tal-Komunità Franġiskana, magħrufa aħjar bħala s-Sorijiet tal-Klarissi. Dawn marru jgħixu ġo dar fil-parroċċa ta' San Ġiljan u aktar tard fl-1935, (meta Bonanno kien għadu jmexxi l-parroċċa) daħlu ġo monasteru ġdid li nbena apposta għalihom.

Fi żmien il-Kappillan Bonanno waslet ukoll il-Komunità tal-Patrijiet Agostinjani li bnew żewġ postijiet differenti. Fl-1927, inbena l-kunvent u l-kappella ta' Santa Rita qrib il-Bajja ta' San Ġorġ u fit-12 ta' Lulju, 1936 infetħet il-knisja u l-kunvent tal-Madonna tal-Bon Kunsill f' Paceville. Din l-art ingħatat lilhom mill-Avukat Ġużè Pace u bħala rigal bena wkoll il-knisja u l-kunvent. Interessanti nsemmu wkoll li l-isem ta' Paceville ingħata bħala tifkira tal-Avukat Pace.

Interessanti l-fatt li Bonanno serva fiż-żminijiet diffiċli tal-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija. Sfortunatament l-aħħar sentejn kienu iebsa ferm minħabba l-ħruxija tal-gwerra. Fil-fatt kawża tal-bumbardamenti mill-ajru, San Ġiljan, bħal postijiet oħra f'Malta, sofra minn ħsarat strutturali. Apparti minn dan, is-saħħa tal-Kappillan Bonanno bdiet sejra lura minħabba li kellu marda fil-kliewi. Hu miet fl-14 ta' Novembru, 1942 fl-età ta' 67 sena. Jinsab midfun fil-qabar ta' taħt il-presbiterju tal-Knisja parrokkjali ta' Lapsi li dak iż-żmien kienet il-knisja parrokkjali.

## Il-Ħames Kappillan - Dun Anton Debono (1943–1952)

Dun Anton Debono twieled f'Birkirkara u ta' età żgħira mar jgħix in-Naxxar. Hu ħa l-pussess tiegħu bħala kappillan fil-5 ta' Marzu, 1943, fi żmien meta l-gwerra kienet għada fl-aqwa tagħha u ż-żminijiet ma kinux faċli.

It-tberik tal-familji fid-djar beda jsir fiż-żmien it-tmexxija tiegħu. Dan kollu serva biex il-kappillan jiltaqa' mal-parruċċani tiegħu, speċjalment ma' dawk li bdew jirritornaw lura mill-ibliet fejn kienu refuġjati matul il-gwerra. Mat-tmiem tal-gwerra ħa ħsieb biex jerġa' jorganizza b' mod normali l-purċissjoni ta' San Ġiljan u reġa' ta l-permess biex din iddum sad-disgħa ta' filgħaxija. Matul il-gwerra l-purċissjoni kienet toħroġ kmieni biex tilħaq tidħol qabel inżul ix-xemx minħabba li ma kienx permess li jkun hemm dwal mixgħula fit-toroq.

Sfortunatament l-attendenza tal-quddies fil-knisja parrokkjali kienet naqset sewwa minħabba li n-nies infirxet u bdew jattendu fil-knejjes tal-madwar, fosthom tal-Balluta, tal-Bon Kunsill u tal-Kunċizzjoni. Il-ħidma pastorali tiegħu bdiet billi żied in-numru ta' quddies fil-

Ħdud u l-festi u oħra matul il-ġimgħa. Żied ukoll il-qrar ta' kuljum, ir-rużarju u s-siegħa adorazzjoni li bdiet issir kull nhar ta' Ħamis filgħaxija. Bdew jiżdiedu wkoll l-għaqdiet reliġjużi, fosthom



l-Għaqda tal-Leġjun ta' Marija, iċ-ċirklu Azzjoni Kattolika Xebbiet li kienu jiltaqgħu fid-dar numru 25, Triq Lapsi, u fergħa oħra tal-irġiel u ġuvintur. Dawn tal-aħħar kienu jagħmlu l-laqgħat tagħhom fil-bini tat-Teatru Melita. Kien żmien importanti ta' bidla u tisħiħ spiritwali.

Il-Kappillan Debono jibqa' wkoll imsemmi għax-xogħol estensiv ta' restawr li għamel fil-knisja ta' Lapsi, il-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien. Fost dawn insemmu r-restawr tal-istruttura tal-bini u l-faċċata tal-knisja, l-armar ġdid tal-festa, in-niċċa tal-istatwa ta' San Ġiljan, is-salib tal-kleru tal-fidda u par akkolti tal-fidda pariġġu, is-sett ta' tnax-il kandlier tal-injam indurat u sett ieħor arġentat, id-damask ġdid, is-sett lampieri, il-lanterni tal-fidda u l-pittura fis-saqaf. Kien ukoll fi żmienu li sar il-kanċell tal-kewkba ta' madwar il-presbiterju maħdum mill-iskultur Jos Manicolo, l-għamara kollha tas-sagristija u l-induratura tal-istatwa ta' San Ġiljan.

Data oħra importanti fi żmien il-parrokat ta' Debono hi dik tal-4 ta' Lulju, 1948 meta twaqqaf il-monument tal-Qalb ta' Ġesù li jinsab fin-nofs tal-pjazza ta' Spinola. Dan kien sar wara wegħda li saret fi żmien il-gwerra mill-Kappillan Bonanno biex il-parroċċa ta' San Ġiljan tiġi kkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù.

Fl-1952, Dun Anton Debono temm il-kariga tiegħu bħala kappillan u minfolk inħatar Arċipriet tal-parroċċa ta' San Publiju tal-Furjana. Hu miet f'Ruma u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju Verano f' Ruma.

## Is-Sitt Kappillan - Dun Philip Grech (1953–1956)

Dun Philip Grech twieled Ħaż-Żebbuġ fil-11 ta' Mejju, 1921. Ħa t-tagħlim tiegħu fis-Seminarju tal-Furjana u fl-Università ta' Malta, fejn iggrad-



wa fit-Teoloġija. Hu ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Awwissu, 1946. Huwa ħadem bħala saċerdot f'raħal twelidu u għallem f'diversi skejjel u għamel żmien twil iwettaq il-ministeru tiegħu fl-Ingilterra, fejn kellu borża ta' studju fil-lingwa Ingliża.

Meta ġie lura mill-Ingilterra nħatar bħala l-kappillan il-ġdid ta' San Ġiljan. Ħa l-pussess fil-15 ta' Frar, 1953 minn idejn l-Isqof Emmanuel Galea.

Dan il-kappillan jibqa' magħruf għall-abbiltà tiegħu biex jipprietka u għat-tagħlim tal-Katekiżmu. Il-mod sempliċi u mexxej li bih kien jipprietka kien jiftiehem minn kulħadd. Il-Kappillan Grech talab lill-Arċisqof biex ikun jista' jqabbad lil Dun Karm Calleja jgħinu fil-ħidma pastorali tiegħu u fix-xogħol tal-uffiċċju parrokkjali. Dun Karm kien ukoll strumentali biex jerġa' jsaħħaħ il-fergħa għaż-żgħażagħ tal-Għaqda tal-Azzjoni Kattolika u għat-tagħlim tad-duttrina tat-tfal.

Sfortunatament, il-Kappillan Grech ma tantx intlaqa' tajjeb mill-parruċċani. Għalkemm kien bniedem ta' intelliġenza kbira, in-nuqqas ta' prattiċità waslitu biex jiksirha ma' ħafna nies. Fiż-żmien li serva bħala kappillan kompliet tinħass il-ħtieġa li tinbena knisja akbar minn dik ta' Lapsi, iżda n-nuqqas ta' entużjażmu wasslu biex qatt ma jibda dan il-proġett. Din kienet raġuni oħra li begħditu minn nies.

Wara biss tliet snin u nofs, eżattament fl-24 ta' Settembru, 1956, ħalla din il-kariga biex minflok jingħaqad mas-Soċjetà ta' Dun Bosco bħala Salesjan u beda jgħallem fil-Kulleġġ Savio. Hawnhekk deher biċ-ċar li kien aktar mixħut għal edukatur milli għal-kappillan ta' parroċċa u li din kienet il-vera vokazzjoni tiegħu. Dun Philip ħalla din id-dinja nhar is-Sibt 13 t' Awwissu, fl- età ta' 67 sena. Miet fil-Kulleġġ San Duminku Savio ta' Ħad-Dingli, fejn kien residenti.

## Is-Seba' Kappillan – Dun Guido Calleja (1956–1965)

Dun Guido Calleja twieled f'Tas-Sliema fis- 7 t' Ottubru, 1928 u ġie ordnat saċerdot nhar it-2 t'Awwissu, 1953. Huwa qatta' ż-żgħożija tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġiljan u, għall-kuntrarju tal-kappillan ta' qabel, kien magħruf sewwa mal-Ġiljaniżi minħabba li fil-passat kien għamel xogħol pastorali bħala seminarista u saċerdot. Qabel laħaq kappillan ta' San Ġiljan għamel sentejn jitgħallem il-mużika Sagra ġewwa Ruma. Ftit żmien wara li rritorna lura Malta, hu ġie msejjaħ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi biex jagħmel l-eżamijiet neċessarji biex jimla l-post vakanti li kien ħalla l-kappillan ta' qablu. Huwa ngħata l-pussess fit-18 ta' Novembru, 1956.



Bla dubju l-Kappillan Calleja jibqa' magħruf għall-ħidma parrokkjali tiegħu. Huwa ried li tinbena knisja ġdida minħabba li n-numru ta' parruċċani kien qiegħed dejjem jikber. Dan kollu ma kienx isseħħ mingħajr l-entużjażmu, il-karattru ferrieħi u l-qalb tajba li kellu. Permezz ta' dan kollu l-Kappillan Calleja irnexxielu jikseb il-fiduċja mistħoqqa tal-parruċċani u ġab ukoll fosthom għaqda kbira.

Fiż-żmien tal-parrokat tiegħu l-Kappella tal-Kunċizzjoni kienet fi stat ta' abbandun. Ir-rettur tagħha, Monsinjur Albert Pantalleresco ma baqax isib ħin biex iqaddes fiha regolarment

minħabba li kien ukoll ir-rettur tas-Seminarju. B' hekk Dun Guido ħa l-inizjattiva biex jibda jipprietka fiha u jwassal l-avviżi tal-parroċċa b'mod regolari. Dan talab lill-Monsinjur Pantalleresco biex jafda l-kappella f'idejn l-irġiel tal-Azzjoni Kattolika u hu jsib saċerdot biex ikun jista' jqaddes fiha ta' kuljum. Dan aċċetta u fi ftit żmien din saret il-post fejn l-Azzjoni Kattolika kienu jiltaqgħu regolarment fil-kamra biswit il-kappella.

Minn ċkunitu Dun Guido kellu mħabba kbira lejn il-mużika, speċjalment għall-opri teatrali u l-mużika sagra. Fiż-żmien li għamel is-Seminarju beda l-istudju tal-mużika u l-pjanu ma' Dun Karm Xerri li kien għamel żmien organista fil-Katidral ta' Lucon fi Franza. Meta laħaq kappillan, l-uniku kor ġewwa San Ġiljan kien dak tat-tfal u kien immexxi minn Dun Karm Calleja. B' hekk ħa l-inizzjattiva, billi stieden dilettanti mill-parroċċa bl-iskop li jgħaqqad kor ġdid.

Il-Kor ta' San Ġiljan kanta għall-ewwel darba waqt l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Fortunat Axiaq u l-inawgurazzjoni uffiċjali saret għand is-Sorijiet tas-*Sacred Heart* permezz ta' programm ta' għanjiet tal-Milied. Malli Dun Guido temm il-parrokat tiegħu, il-kor għadda f'idejn Dun Ġwann Galea. Barra t-twaqqif tal-kor, Dun Guido tana wkoll l-orgni meraviljuż li żejjen il-knisja bid-daqq ħelu tiegħu.

Dun Guido ħalla l-parroċċa tagħna u kompla l-ħidma tiegħu bħala kappillan fil-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Wara laħaq Monsinjur u ħadem ħafna fil-Kurja u fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Illum Dun Guido jinsab irtirat u jgħix fid-dar tal-Kleru.

## It-Tmien Kappillan - Dun Ġwann Galea (1966-1982)

Dun Ġwann Galea twieled fis-26 ta' Frar, 1937 u huwa t-tieni kappillan mill-parroċċa ta' San Ġiljan wara Dun Ġiljan Zammit. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-gvern li kienet tinstab fi Triq San Elija u fis-Seminarju tal-Furjana. Kompla l-istudji tiegħu tal-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' April, 1962 flimkien mal-mibki Dun Ġużepp Busutill.

Sakemm laħaq il-kappillan il-ġdid wara Dun Guido, l-Arċisqof Gonzi ħalla lil Dun Anton Sciberras bħala Vigarju Kurat biex jieħu ħsieb il-parroċċa. In-nies ta'San Ġiljan ferħu bis-sħiħ meta semgħu l-aħbar li Dun Ġwann intgħażel biex isir il-kappillan il-ġdid. Hu kellu jkun l-aħħar kappillan li ħa l-pussess fil-knisja ta' Lapsi u dan seħħ fit- 3 ta' April, 1966.

Kien fil-bidu tal-parrokat tiegħu meta tlesta x-xogħol u t-tagħmir tal-knisja l-ġdida biex tkun tista' tinfetaħ għall-pubbliku. Hu kien strumentali biex iħeġġeġ lill-parruċċani jkomplu jgħinu bħala voluntiera ħalli l-knisja l-ġdida tkompli tissaħħaħ.

Dun Ġwann kien magħruf għall-ħidma pastorali tiegħu u għal mod ta' kif kien isaħħaħ l-għaqdiet li kienu jeżistu fil-parroċċa. Minn mindu kien



għadu seminarista kellu għal qalbu l-Azzjoni Kattolika u ħa ħsieb l-Abbatini u ż-Żagħżagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN). Fl-1964, beda joħroġ il-fuljett parrokkjali "Leħen il-Parroċċa", sabiex dawk il-parruċċani li għażlu li jibqgħu jiffrekwentaw il-knisja ta' Lapsi minflok il-knisja parrokkjali l-ġdida jkollhom ukoll l-informazzjoni meħtieġa. Fl-1976 twieldet il-pubblikazzjoni tal-parroċċa "Il-Mixja" li ħadet post dan il-fuljett.

Bla dubju, Dun Ġwann jibqa' magħruf l-aktar għall-entużjażmu u dedikazzjoni li kellu bħala Direttur tal-Kor ta' San Ġiljan. Dan wasslu biex il-kor jieħu fama kbira f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. F'Settembru 1965, il-kor ipparteċipa u rebaħ kompetizzjoni internazzjonali f'Pescara fl-Italja. Waqqaf ukoll il-kor tat-tfal subien bl-isem ta' 'Pueri Cantores' li kien jieħu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi. Dun Ġwann dejjem ta attenzjoni kbira għall-kant, mużika u innijiet reliġjużi. Huwa fil-fatt ikkompona diversi xogħlijiet ta' mużika sagra, fosthom żewġ oratorji u tliet kantati Marjani li lkoll ġew eżegwiti f'diversi lokalitajiet f'Malta. Kull sena tella' wkoll xogħolijiet magħrufin ta' kompożituri ta' fama bħal Bach, Vivaldi, Mozart, Puccini u oħrajn.

Il-parrokat ta' Dun Ġwann dam sittax-il sena u ntemm wara li l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca sejjaħlu biex jagħtih kariga importanti fil-kurja bħala Delegat tal-Arċisqof għall-Parroċċi. Madankollu l-Arċisqof offrielu biex jibqa' xorta waħda jmexxi l-Kor ta' San Ġiljan li tant kien għal qalbu. F'Mejju tal-1993, Dun Ġwann inħatar Maestro di Cappella tal-Katidrali ta' Malta. Huwa kien onorat ukoll mill-Gvern bil-medalja ta' 'Ġieħ ir-Repubblika'

## Id-Disa' Kappillan – Dun Tony Agius (1982–1998)

Dun Tony Agius twieled ir-Rabat fil-21 ta' Awwissu, 1940. Il-familja tiegħu kienet refuġjata hemmhekk minħabba l-gwerra. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo tal-Belt Valletta u fl-1956 beda jaħdem bħala għalliem fl-iskola primarja ta' Ħal Qormi u wara fl-iskola ta' San Ġorġ f'San Ġiljan (li dak iż-żmien kienet għadha San Ġorġ). Dak iż-żmien hu kien jgħix mal-familja tiegħu f' Tas-Sliema.

Minn dejjem kellu interess speċjali fit-tagħlim tat-tfal. Fil-fatt, hu għamel xi żmien ukoll jgħallem mas-Soċjetà tad-Duttrina tal-MUSEUM. Dun Tony kellu wkoll interess fil-mużika u għal xi żmien kien jifforma parti mill-Kor ta' San Ġiljan li kien immexxi minn Dun Guido Calleja.

Minn età żgħira kellu l-ħajra biex jibda t-triq tas-saċerdozju. Bejn l-1959 u l-1967, kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Arċisqof u l-Università ta' Malta. Huwa kien ordnat saċerdot fil-11 ta' Marzu, 1967. F'din l-istess sena beda jservi bħala viċi-parroku fil-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Dam hemmhekk għal tlettax-il sena sħaħ, sakemm f'Ottubru tal-1980 intbagħat bħala viċi-parroku fil-parroċċa ta' San Ġiljan. F'Diċembru tal-1981, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca għarrfu li kien ser jagħtih it-tmexxija tal-parroċċa. Il-ħidma tiegħu bħala kappillan ta'



San Ġiljan bdiet fl-1 ta' Jannar, 1982.

Ix-xogħol fil-knisja l-ġdida ma kienx għadu komplut. Dun Tony kompla x-xogħol ta' tikħil u tibjid tal-kampnar, kif ukoll il-kisi bil-qatran u l-*waterproofing* tal-bejt. Fi żmienu saru wkoll il-bibien tan-niċeċ, fosthom dik ta' San Ġiljan u l-kurċifiss il-kbir ta' fuq l-artal. Dun Tony ma kienx jiddejjaq imidd idejh fix-xogħol manwali.

Dun Tony serva bħala kappillan għal kważi sbatax-il sena. Dan kollu ifisser li huwa t-tieni kappillan li l-aktar dam fl-istorja tal-parroċċa tagħna. L-ewwel missjoni tiegħu kienet li jerġa' jirxoxta l-*Youth Centre* billi beda jorganizza attivitajiet għaż-żgħażagħ. Ħa ħsieb li jirranġa

s-sala tal-parroċċa u ħalla f'idejn iż-żgħażagħ st-ess biex imexxu dan il-grupp.

Il-ħidma pastorali kibret billi waqqaf il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u beda jinvolvi l-lajċi fil-ħajja komunitarja tal-parroċċa. Ifforma wkoll gruppi oħra fosthom tat-tindif u l-manutenzjoni, tal-ħjata, kif ukoll tal-ġbir ta' fondi. Ġew intro-dotti wkoll l-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, il-grupp ta' letturi u l-katekisti li jgħallmu d-dut-trina. Introduċa wkoll is-Siegħa Adorazzjoni li ssir kull l-ewwel Ħamis tax-xahar. Darba fis-se-na kien ukoll jagħmel quddiesa għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Dun Tony minn dejjem kellu għall-qalbu t-tagħlim u għalhekk organizza diversi korsijiet dwar it-tagħlim Nisrani u Bibliku, kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-adulti. Għall-istess għan, fl-1983 fetaħ il-*Book Centre* biex ikompli jwassal dan il-messaġġ permezz ta' pubblikazzjonijiet lokali kif ukoll barranin.

Fi żmienu ġew introdotti wkoll diversi attivitaji-et ġodda relatati mal-festa. Fost dawn ta' min isemmi: il-Lejliet Maltin, it-Tberik tal-Annimali u s-Salut tal-Kaċċaturi li għadhom jikkaratterizzaw il-festa sal-lum. Bdiet issir ukoll il-festa tat-tfal bl-istatwa ż-żgħira ta' San Ġiljan li Luciano Pullicino għamel apposta għal din l-okkażjoni. Attività oħra li bdiet tiġi organizzata kull sena kienet ir-*Road Race* li sfortunatament inqatgħet maż-żmien.

Matul il-parrokat ta' Dun Tony seħħew żewġ av-venimenti kbar fil-parroċċa tagħna. Dawn huma ż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II li saret fis-27 ta' Mejju, 1990, kif ukoll il-Festi Ċentinarji tal-1991.

Il-parrokat tiegħu wasal fi tmiemu fl-10 ta' Ot-tubru, 1998 meta ġie imsejjaħ mill-Arċisqof biex iservi bħala Assistent Direttur tal-Moviment ta' Kana. Bejn l-2001 u l-2015 serva wkoll bħala Kappillan fil-parroċċa tal-Ibraġ.

### L-Għaxar Kappillan - Dun Martin Cardo-na (1999–2003)

Dun Martin Cardona twieled f'Ħal Qormi fit-13 ta' April, 1961. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja ta' San Bastjan u wara għamel sena fl-iskola sekondarja ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Kompla jistudja wkoll fil-Kulleġġ Mt Carmel. Bejn l-1977 u l-1986 ħadem bħala għalliem fl-iskola St Michael. Fl-1985 gradwa fl-Istudji Reliġjużi u sena wara daħal is-Seminarju biex ikompli t-triq għas-saċerdozju.

Matul is-snin kellu diversi esperjenzi ma' gruppi u għaqdiet reliġjużi fosthom fil-M.U.S.EU.M ta' Ħal Qormi mill-1972 sal-1986, il-Kummissjoni Edukazzjoni Nisranija u fil-Kunsill Pastorali ta' San Bastjan.

Huwa ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Lulju, 1993 u l-ewwel ħidma tiegħu kienet bħala viċi-kap-pillan fil-parroċċa ta' Raħal Ġdid. Fl-1994 laħaq surmast fl-iskola sekondarja tas-Seminarju fejn dam erba' snin. Bejn l-1997 u l-1998 huwa okkupa l-kariga ta' President tal-*Private Schools Association*.

Il-ħidma pastorali tiegħu ssoktat fil-31 ta' Jan-nar, 1999 meta nħatar bħala l-kappillan ta' San Ġiljan. Il-parrokat tiegħu ma kienx wieħed twil iżda xorta ta' importanza.

L-esperjenza tiegħu fil-gruppi reliġjużi għenitu biex ikompli jsaħħaħ l-għaqdiet u kummissjoni-



jiet tal-parroċċa li kien ħoloq il-kappillan ta' qablu. Fost dawn insemmu l-gruppi tal-Edukazzjoni Nisranija, tad-Djakonija, tal-Liturġija u tal-Familji. Kompla jżid il-lajċi biex jgħinu fil-ħidma parrokkjali. Dun Martin jibqa' magħruf għas-serjetà kbira f'xogħlu u kulma jagħmel kien iridu b' perfezzjoni. Kien hu li mexxa l-uffiċċju parrokkjali għall-post fejn nafuh illum u kompla jtejjeb isservizzi offruti minnu.

Matul il-parrokat ta' Dun Martin saru wkoll diversi proġetti li jinkludu t-twaħħil tal-ħadid mad-dawra tal-knisja, il-pavimentar taz-zuntier, ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-klassijiet tad-duttrina, is-sistema ġdida tal-katusi, il-fonti ġdida tal-ilma imbierek u l-armar ġdid għall-purċissjonijiet.

Dun Martin ħa wkoll l-inizjattiva biex jiġi rrestawrat is-saqaf tal-knisja ta' Lapsi u b'hekk din il-knisja storika u ferm prezzjuża reġgħet ingħatat dehra xierqa.

## Il-Ħdax-il Kappillan – Dun Ray Toledo (2003–2009)

Dun Ray Toledo twieled f'Birkirkara fis-26 ta' Frar, 1960. Huwa rċieva l-edukazzjoni fl-iskola primarja ta' Santa Monica, kif ukoll fl-iskola sekondarja ta' Birkirkara u tan-Naxxar. Kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta u ggradwa fil-Baċellerat tal-Accountancy. Minn hemm bdiet il-karriera tiegħu bħala accountant.

Il-ħajja tiegħu minn dejjem kienet ikkaratterizzata minn attivitajiet sportivi. Minn ċkunitu kien iħobb l-isports, fosthom il-futbol, il-*windsurfing* u s-*sailing*. Il-passatempi prinċipali tiegħu huma s-sajd u d-dgħajjes.

Is-sejħa saċerdotali tiegħu bdiet kemxejn tard. L-ewwel sinjali għall-ħajja saċerdotali ħasshom waqt il-laqgħat tal-gruppi ta' talb li kien jattendi. Beda l-istudju tiegħu fis-Seminarju meta kellu 24 sena u ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' Lulju, 1990. Il-ħidma saċerdotali tiegħu bdiet bħala viċi-parroku fil-parroċċa tal-Ibraġ. Fl-1995, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca sejjaħlu biex iservi bħala kappillan fil-parroċċa tal-Qrendi u hemm dam sal-2003.

Dun Ray laħaq kappillan f'Diċembru tal-2003. Huwa kompla jsaħħaħ ix-xogħlijiet li saru mill-kappillani ta' qablu u ħadem ukoll għall-ġid tal-parruċċani mingħajr ebda distinzjoni. Fost affarijiet oħra li saru fi żmien il-parrokkat tiegħu ta' min isemmi l-arja kkondizzjonata tal-knisja, is-



*sound system* ġdida, is-sett gandlieri ġodda u l-konfessjonarji aktar moderni. Kompla jsebbaħ ukoll in-niċeċ tal-knisja parrokkjali billi għamlilhom sett purtieri ġodda.

Proġett ieħor importanti li ntlaqa' tajjeb mill-parruċċani kien dak tal-ftuħ tal-kappella ċkejkna li tinsab biswit il-knisja parrokkjali. Din qiegħda tinżamm miftuħa matul il-ġurnata kollha.

## It-Tnax-il Kappillan – Dun Claude Portelli (2009- )

Dun Claude twieled fis-6 ta' Awwissu, 1975 u huwa minn Tas-Sliema. Huwa l-ikbar fost erba' aħwa u studja fil-Kulleġġ ta' St Edwards fil-Kottonera u l-Junior College. Kompla l-istudji tiegħu fil-Filosofija, il-lingwa Taljana u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Lulju, 2002 u serva għal xi żmien fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq.

Mat-tmiem tal-parrokat tal-Kappillan Toledo, l-Arċisqof Pawlu Cremona sejjaħ lil Dun Claude Portelli biex jaħtru bħala kappillan. Dun Claude kien diġà magħruf sew mal-parruċċani Ġiljaniżi għax kien ilu jservi bħala viċi-kappillan minn Lulju tal-2003. Inħatar kappillan fil-21 ta' Lulju, 2009.

Dun Claude huwa bniedem b'viżjoni, enerġetiku u innovattiv li rnexxielu jittrasmetti l-ħeġġa fost il-parruċċani tiegħu. Jibqa' magħruf għall-ħidma tiegħu biex ikompli jsebbaħ il-knejjes tal-parroċċa. Fil-knisja parrokkjali għamel sett dvalji ġodda għall-artali, lampieri u salib ġdid tal-Ġimgħa l-Kbira. Għamel xogħol ta' restawr u tiswijiet fuq il-bankijiet u l-bibien tal-knisja parrokkjali. Ħa ħsieb ukoll ir-restawr estensiv tal-vara tad-Duluri u dik ta' San Ġużepp. Dawn iż-żewġ statwi mprezzabbli saru mill-istatwarju Karlu Darmanin. Dun Claude kien responsabbli wkoll għall-proġett ta' modernizzazzjoni tal-kappella ta' ħdejn il-knisja parrokkjali.

B'ambizzjoni u determinazzjoni rsista biex jiġbor il-fondi biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fil–Kappella tal-Kunċizzjoni. Ix-xogħol kien jinkludi r-restawr tal-faċċata ta' barra, it-tiswija tal-kampnar, it-tibdil tal-madum tal-artal, ir-restawr tal-artal antik li reġa' sab postu fejn kien oriġinarjament u restawr tat-tabernaklu l-antik li reġa tpoġġa f'post ċentrali taħt it-titular. Sar ukoll xogħol ta' restawr tat-titular tal-Immakulata Kunċizzjoni li jinsab fuq l-artal prinċipali kif ukoll ta' diversi opri tal-arti fosthom il-kwadru ta' Fra Rafael Spinola u dak ta' San Kalċidonju Martri li hu xogħol tal-pittur famuż Francesco Zahra. Bis-saħħa tal-Kappillan Portelli, in-nies tista' tapprezza aktar ir-rikkezzi li jeżistu fil-knejjes tal-lokal.

Dun Claude kompla jsaħħaħ il-kummissjonijiet li kienu bdew fi żmien Dun Tony Agius. Fost dawn insemmu l-Kummissjoni Tfal li tagħti spazju lit-tfal biex jiddiskutu, jippjanaw u jwettqu programm ta' ħidma mtella' minnhom stess. Insemmu wkoll il-Kummissjoni Liturġija li tieħu ħsieb torganizza ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-parroċċa.

Fil-5 ta' Novembru, 2010 kellna okkażjoni speċjali u unika. Dakinhar l-Arċisqof ta' Malta, li dak iż-żmien kien Pawlu Cremona, iċċelebra quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan u matulha Dun Robert Galea ġie ordnat saċerdot. Dun Robert ħalla Malta lejn l-Awstralja biex jaqdi l-ministeru saċerdotali fid-djoċesi ta' Sandhurst, ġewwa Victoria.

Matul il-parrokat tiegħu rajna wkoll l-introduzzjoni ta' quddiesa bl-Ingliż u żieda ta' apparat għall-preżentazzjoni viżwali sabiex in-nies isegwu l-quddiesa aħjar. L-avvanz fit-teknoloġija wassal biex issir *website* tal-parroċċa aktar moderna u l-introduzzjoni għall-paġna tal-*facebook*.

Riċentament tlesta x-xogħol ta' *waterproofing* tal-bejt tal-knisja parrokjali. Proġetti ambizzjużi oħra li sa jibdew fi żmien qasir jinkludu l-bini taċ-ċentru parrokkjali u t-tibjid tal-knisja.

F'din l-aħħar sena Dun Claude ħabbrek bis-sħiħ biex flimkien ma' diversi għaqdiet fi ħdan il-parroċċa jorganizza attivitajiet varji relatati mal-anniversarju tal-125 sena parroċċa. Madanakollu Dun Claude dejjem isib il-ħin ukoll għax-xogħol tal-uffiċċju, għaż-żjarat u t-tqarbin tal-morda u l-anzjani li jgħixu weħidhom.

